# IMSEJKNA "TERRA SANTA"!

Il-Franġiskani, minn kif marru l-ewwel darba t-Terra Santa sas-sena 1830, kienu miżmuma maqfula fil-knejjes tagħhom, bħalli kieku f'ħabs. Fil-faċċata tal-knisja tal-Qabar ta' Kristu għadu mwaħħal il-kelb tal-ħadid li miegħu kienu jorbtu l-ħabel biex itellgħulhom l-ikel minn ġewwa tieqa.

Il-qagħda tbiddlet għall-aħjar fi żmien Muħammed Għali viċirè tal-Eġittu. Dan ħalla r-Rħieb joħorġu; u li jżuru kemm iridu t-Terra Santa l-Insara Ewropin, u li dawna jkunu mħarsa, il-Kattolki minn Franza, ix-Xiżmatki mir-Russja u l-Protestanti mill-Ġermanja. Knejjes inbnew, sptarijiet u skejjel infetħu, u l-Insara, għad li mdejqa f'art tat-Torok, għalihom kien kollox miexi ħarir.

Imbagħad inqalgħet il-gwerra tal-1914. Għall-aħħar tas-sena 1917 il-Palestina ħaduha l-Ingliżi. Fis-7 ta' Diċembru ta' dik is-sena il-General Allenby daħal Ġerusalem. L-Insara ta' Ġerusalem kollha ferħu dik inhar, għax ħasbu li ż-żmien tad-dwejjaq għalihom kien għadda, u sa kemm damu hemm l-Ingliżi kien għadda ta' bil-ħaqq. Isserq u qtil inqata' Kont tista' tmur fejn trid waħdek, għax ma jkellmek ħadd. Lill-Misilmin marritilhom l-arja u l-Insara ħadu r-ruħ. Lhud kien għad hemm ftit.

Imma fis-sena 1948 l-Ingliżi telqu. Ġens Nisrani telaq, u ħalla l-Art Imqaddsa, nieqa tad-Djiena Nisranija, f'idejn Lhud u Misilmin, nies li ma jemmnux. U issa, qabel ma laħqu għaddew għaxar snin mit-telqa tal-Ingliżi fuq it-Terra Santa raġa' beda tiela s-sħab iswed għall-Insara: sħab tar-ragħad u l-beraq, kesħa u dlam.

Il-Għarab ħarġu liġi li fl-iskejjel tal-Insara wkoll, lill-Misilmin jgħallmuhom il-Qoran. Li l-kotba tal-iskejjel, Insara wkoll, ikunu kif irid il-Ministru Mislem. Li fil-btajjel tal-Misilmin ma jagħmlux skola anqas l-Insara. Li f' kull skola, tal-Insara wkoll, ikun hemm knisja Misilma, fejn jistgħu jsallu. Li rħieb u qassisin ma jistgħux jaqalgħu flus, u flus għall-iskejjel ma jistgħux jinbagħtulhom minn barra. Il-flus li jkollhom iridu jgħidu minn fejn ġiebuhom, u jekk jinqabdu jieħdu flus minn barra, jistgħu jagħalqulhom l-iskola. Tneħħew il-qrati tal-Insara fejn jinqatgħu kawżi li jmissu d-Din (żwieġ, magħmudija, firda tal-miżżewġin, ħsieb tal-ulied, u hekk). Ħtija t'hekk l-Insara ta' l-Eġittu fis-sena 1955 ma għamlux Milied.

Il-Lhud min-naħa l-oħra, ma jħallu lill-ebda Lhudi jsir Nisrani, għad li l-Insara jistgħu jaqalbu Lhud. Jiktbu fil-gazzetti li ma jaqbilx li fil-Palestina jkun hemm l-Insara. Hemm Xirka biex ma tħallix tfal Lhud imorru skejjel tal-Insara. Ebda Lhudi ma jista' jiżżewweġ Nisranija, jew Lhudija Nisrani. Iridu li jinħatnu (jagħmlu ċ-ċirkonċiżjoni) s-subien kollha li għandhom missier Lhudi, imma omm Nisranija.

Issa l-Misilmin ħarġu b'oħra: ebda Raħeb ma' jista' jagħmilha ta' gwida. Jekk, imqar ġewwa knisja Nisranija jinqabad ifisser xi kelma lil xi ħadd, jista' jkun imwassal. F'anqas minn ġimgħa, żewġ Franġiskani sabu ruħhom imwasslin lil pulizija, fuq hekk.

U dan kollu issa, li ż-żewġ Ħakmiet għadhom fil-bidu, u jeħtieġu l-għajnuna. Mela x'sa jsir 'il quddiem, jekk għad ikunu għal kollox rajhom f'idejhom? Imsejkna Insara tat-Terra Santa! Imsejkna Franġiskani!